MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1197/2010

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**

**Anna Scerri**
**I.D. 464567(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut huwa debitor tas-socjeta' attrici fis-somma ta' seba' mija wiehed u sebghin Ewro u tletin centezmu (€771.30), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta servizzi prodotti pprovduti lill-istess konvenuta abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, skon id-dokument anness mal-Avviz ta' talba mmarkat bhala Dok A.

Il-konvenut interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda baqghat inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-llum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontro l-konvenuta lli giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ seba’ mija wiehed u sebghin Ewro u tletin centezmu (€771.30), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------